

# IL-KISBIET MIT-TAGĦLIM TAL-ĦILIET TAL-MALTI BĦALA LINGWA BARRANIJA LIVELL 5 - IR-RABA' SENA

| | It-Taħdit |
|---|---|
| 1 | Nitħaddet fuq suġġetti li nkun tgħallimt dwarhom bħal *il-kamra/dar tiegħi*, bil-mod, bil-pawsi u bil-ġesti fejn il-vokabularju użat huwa wieħed bażiku; frażijiet sempliċi u sentenzi qosra. |
| 2 | Nuża frażijiet sempliċi li jinkludu referenza għall-ħin bħal ngħidu aħna *Is-siegħa, is-sagħtejn, nofsillejl, nofsinhar, il-ħdax u nofs, it-tmienja u nofs*, ix-xhur u l-istaġuni tas-sena |
| 3 | Kapaċi nwieġeb telefonata b'vokabularju bażiku u frażijiet sempliċi f'kuntesti familjari u ma' nies li naf. |
| 4 | Nagħti deskrizzjoni qasira u ċara ta' suġġetti/sitwazzjonijiet sempliċi megħjuna minn stampa/viżwal dwar tema li nkun tgħallimt dwarha. |
| 5 | Nagħti l-punti ewlenin dwar x'jogħġobni u ma jogħġobnix fuq suġġett sempliċi u familjari marbut mal-ħajja ta' kuljum. |
| 6 | Nuża f'sentenzi, strutturi grammatikali li jkunu ġew mgħallma lili minn qabel. |

| Is-Smigħ | |
|---|---|
| 1 | Nifhem informazzjoni bażika minn siltiet qosra rrekordjati/bil-fomm li tittratta temi li tgħallimt dwarhom u li huma mwassla bil-mod, b'mod ċar u bil-pawsi. |
| 2 | Nidentifika s-suġġett tal-aħbarijiet ewlenin fuq it-televixin fejn il-materjal viżiv jgħin id-diskors marbuta ma' temi li nkun tgħallimt dwarhom bħal ngħidu aħna il-post jew it-triq fejn ngħix. |
| 3 | Nifhem direzzjonijiet li jgħinuni nasal minn post għal ieħor ta' mhux aktar minn 4 punti imwassal lili b'mod ċar u bl-użu tal-ġesti/ viżiv dwar postijiet fl-inħawi tal-madwar bħal ngħidu *aħna fl-iskola u fir-raħal jew belt fejn ngħix.* |
| 4 | Nifhem il-ħin bħal ngħidu aħna *Is-siegħa, is-sagħtejn, nofsillejl, nofsinhar, il-ħdax u nofs, it-tmienja u nofs*, x-xhur u l-istaġuni tas-sena imwassla lili b'mod ċar u bil-mod**.** |
| 5 | Nidentifika l-punti ewlenin ta' diskors sempliċi, artikolat b'mod ċar u bil-mod li qed jiżvolġi madwari dwar temi li nkun tgħallimt dwarhom. |
| 6 | Nifhem biex nagħżel informazzjoni bażika minn kontenut qasir ta' bejn 80 - 100 kelma ta' materjal awdjo rrekordjat u mxandar li jista' jinkludi poeżiji ħfief/kanzunetti dwar temi li nkun tgħallimt dwarhom b'diskors artikolat, bil-mod u b'mod ċar. |

| Il-Qari | |
|---|---|
| 1 | Naqra u nifhem stejjer qosra bi plott sempliċi u bi ftit karattri dwar suġġetti marbuta mat-temi li tgħallimt jew qed nitgħallem li jistgħu jkunu megħjuna minn stampi. |
| 2 | Naqra u nifhem poeżiji qosra bir-rima dwar suġġetti marbuta mat-temi li tgħallimt jew qed nitgħallem li jistgħu jkunu megħjuna minn stampi. |
| 3 | Naqra u nifhem struzzjonijiet/regolamenti qosra, sempliċi megħjuna bi stampi li ma jkunx fihom aktar minn 4 verbi fl-Imperattiv pożittiv li jistgħu jinkludu riċetta u istruzzjonijiet oħra marbuta mat-temi li nkun tgħallimt dwarhom. |
| 4 | Naqra l-ħin bħal ngħidu aħna *Is-siegħa, is-sagħtejn, nofsillejl, nofsinhar, il-ħdax u nofs, it-tmienja u nofs* meta f'testi ma jkunx miktub fi kliem. |
| 5 | Naqra bis-sens u b'kunfidenza f'qalbi, waħdi, fis-skiet, għall-gost u nibda nieħu l-qari bħala drawwa. |
| 6 | Naqra u nagħti kas tal-intonazzjoni billi nsegwi sewwa s-sinjali tal-punteġġjatura bħal *l-ittri kapitali, is-sing, il-punt, il-virgola, is-sinjal tal-mistoqsija, is-sinjal esklamattiv u ż-żewġ punti.* |

| **Il-Kitba** | |
|---|---|
| 1 | Nikteb poeżija sempliċi dwari nnifsi jew dwar ħaddieħor billi ndaħħal xi verbi jew aġġettivi jew inżid xi frażijiet fil-vojt. |
| 2 | Nispjega kif inhi d-dar fejn noqgħod jew li nara fuq stampa permezz ta' frażijiet, eż. *għandi kċina kbira, fil-garaxx joqogħdu żewġ karozzi, il-ġnien qiegħed fuq wara*. |
| 3 | Nikteb dwar il-passatemp tiegħi jew xi ħaġa oħra li nieħu gost nagħmel. |
| 4 | Norbot sekwenza ta' kliem/frażijiet bi kliem għaqqiedi bħal 'u', 'imma' u 'imbagħad'. |
| 5 | Waqt li nikteb nuża aspetti tal-metalingwa li nkun tgħallimt minn qabel. |
| 6 | Nikteb nota biex nintroduċi ruħi ma' xi ħadd li ma jafnix. |

| **It-temi li madwarhom għandhom jiġu żviluppati l-kisbiet huma:** | |
|---|---|
| Binja u tfannid fuq it-temi tat-tielet sena | Id-dar (tipi ta' djar, il-kmamar u xi nsibu fihom) |
| Il-post u t-triq fejn ngħix | Il-partijiet tal-ġisem |
| Ix-xhur u l-istaġuni | Il-passatempi |